# Id-Devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pompei



**Aaron Zahra**

*... ikompli mill-ħarġa l-oħra*

Fis-sena 1875 daħal l-inkwadru tal-Madonna tar-Rużarju ta' Pompei f'Valle di Pompei.

Bartolo Longo ried iġib inkwadru qabel tispiċċa l-missjoni, iżda dar Napli kollha u ma sabx. Iltaqa' ma' Patri Radente li kien xtara waħda mingħand regettier u għaddieha lil Swor Concetta Delitalia. Marru għall-inkwadru Bartolo u l-kontessa. Meta l-kontessa rat dan l-inkwadru qalet: "Kemm hu ikrah dan l-inkwadru. Dan ħa jtellef id-devozzjoni". Bartolo Longo qabel magħha għax it-tila kienet fi stat diżastruż biż-żmien u kien traskurat u iż-żebgħa kienet mqarqċa. Suor Delitalia kienet ħeġġithom biex jeħduh magħhom u qalet: "Dak għad jinżamm b'devozzjoni kbira u dik ix-xbieha għad tagħmel il-mirakli." u forsi dik is-soru qalet dan bla ma kienet taf li kienet għamlet profezija kbira.

Patri Redente flimkien ma' Bartolo Longo iddeċidew li jieħdu l-inkwadru Pompei. Sabu lil Antonio Tortora li għabba x-xbieha fuq karrettun mgħobbi bit-tiben imħallat flimkien mad-demel. L-inkwadru wasal f'Valle di Pompei fit-13 ta' Novembru matul il-lejl. Meta l-Pompeani raw dik ix-xbieha f'dak l-istat gravi qarrsu wiċċhom. Bartolo Longo imbagħad iddeċieda li jieħu l-inkwadru għand pittur biex jirrestawrawh.



*Il-Kontessa Maria de Fusco u Bartolo Longo*

L-Isqof ta' Nola xtaq li tinbena knisja. Bartolo u l-Kontessa ħassew din il-proposta ftit iebsa għalihom biex iwettquha, iżda ma qatgħux qalbhom. Bartolo Longo beda jiġbor il-flus biex tinbena din il-knisja. L-Isqof ukoll kien għen fil-finanzi tal-bini. Il-flus bdew ġejjin mill-Italja kollha u ħafna offerti bdew ġejjin ukoll mill-Ewropa u mill-Amerika.

L-Isqof ta' Nola uriehom il-post fejn kellha tinbena l-knisja u hu stess bierek l-ewwel ġebla. L-Isqof kien qal lill-Pompeani: "Għandkom tħossukom onorati jekk kull wieħed itella' mqar ġebla waħda". Saħansitra ankè l-aktar Kappilan xiħ ġarr fuq spalltu l-ġebel għall-knisja flimkien mal-qassisin kif ukoll il-kontessa u wliedha. Għal bidu kollox kien miexi sewwa, imma mbagħad ix-xitan ried ideffes denbu. Xi ilsna ħżiena bdew jattakaw lill-

*ikompli f'paġna 47*

avukat u lill-kontessa għax bdew jgħidu li kienu qegħdin ixaħħmu bwiethom mill-flus miġbura għall-knisja meta fil-fatt dan ma kienx minu.

Il-Papa Ljun XII, li minn ġewwa Ruma kien qed jieħu nteress kbir fix-xogħol tal-bini ta' din il-knisja, kien imweġġa b'dak li ġara u hu kien jaf x'sentimenti nobbli kellhom Bartolo Longo u l-kontesa. Il-Papa Ljun XII sejħilhom f'udjenza privata biex isolvu l-kwistjoni li nqalet u l-Papa sab is-soluzzjoni billi qalilhom biex jiżżewġu u b'hekk ma jkunux jistgħu jattakawhom aktar. Bartolo u l-kontessa qablu ma' dan u ċ-ċerimonja taż-żwieġ saret fl-1 t'April 1885 fil-kappella ta' l-Isqof ta' Napli. Il-Kontessa, ċajtiera bħal dejjem qalet: "Morna għand il-Papa ħbieb u ħriġna għarajjes!"



*Bartolo Longo waqt il-laqgħa li kellu flimkien mal-Kontessa għand il-Papa Ljun XII*

Fis-7 ta' Marzu 1884 beda jiġi stampat



*Is-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei ġewwa l-Italja*

għall-ewwel darba l-perjodiku 'Il Rosario e la Madonna di Pompei' u l-Papa Ljun XII bierku. Fil-perjodiku kienu jinġabru xi grazzji u xi fatti straordinarji mwettqa bl-interċessjoni tal-Madonna ta' Pompei.

Ir-Reġina Margerita ta' l-Italja kienet attendiet għall-konsagrazzjoni tat-Tempju l-ġdid f'Pompei f'Mejju tas-sena 1891.

Fl-inħawi tas-Santwarju bdew telgħin opri speċjali u karitatevoli permezz ta' Bartolo Longo. Ħafna istituti reliġjużi bħal patrijiet u sorijiet bdew joffru l-ħidma tagħhom ukoll minn jeddhom għall-opri magħquda mas-Santwarju, bħal skejjel matul il-ġurnata u fil-għaxija, u djar għall-ħaddiema. Aktar tard, Bartolo Longo beda opra ġdida għal wlied l-abbandunati u wlied il-ħabsin.

*ikompli darb'oħra ...*